

**Brussell, 26 ta' April 2022
(OR. en)**

8442/22

**STAT 13
FIN 471**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	26 ta' April 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 180 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-applikazzjoni tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 66a tagħhom

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 180 final.

Mehmuż: COM(2022) 180 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.4.2022
COM(2022) 180 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-applikazzjoni tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 66a
tagħhom**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-applikazzjoni tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 66a tagħhom

1. INTRODUZZJONI

L-Artikolu 15(2) tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal, kif emendat l-aħħar fl-2013¹ jipprevedi li, qabel il-31 ta' Marzu 2022 il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jirrigwarda l-istħarriġ imwettaq skont l-Artikolu 2 tal-istess Anness u li jivvaluta jekk, b'mod partikolari, l-evoluzzjoni tal-kapaċità tal-akkwist ta' remunerazzjoni u pensjonijiet tal-uffiċjali tal-Unjoni hijiex konformi mal-bidliet tal-kapaċità tal-akkwist ta' salarji fis-servizzi pubbliċi nazzjonali fil-gvernijiet ċentrali. Abbażi ta' dan ir-rapport, jekk ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta biex jiġi emendat l-Anness XI kif ukoll l-Artikolu 66a tar-Regolamenti tal-Persunal fuq il-bażi tal-Artikolu 336 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-rapport jimplementa d-dispożizzjoni msemmija hawn fuq billi jivvaluta l-issodisfar tal-ħtiġijiet tar-reklutaġġ tal-istituzzjonijiet tal-UE, jiddeskrivi l-proċess u r-riżultat tal-implimentazzjoni tar-regoli biex jiġu aġġornati r-remunerazzjonijiet u l-pensjonijiet skont l-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal (minn hawn 'il quddiem il-“Metodu”) kif ukoll l-imposta ta' solidarjetà skont l-Artikolu 66a għall-perjodu 2014-2021.

2. ĦTIĠIJET TAR-REKLUTAĠĠ TAL-ISTITUZZJONIJIET TAL-UE

2.1. Rekwiżit statutorju biex jiġu osservati l-ħtiġijiet tar-reklutaġġ

L-Artikolu 2 tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal jipprovdi li l-Kummissjoni għandha, regolarment, tosserva l-ħtiġijiet tar-reklutaġġ tal-istituzzjonijiet.

Filwaqt li minn perspettiva operazzjonali, ir-reklutaġġ għandu l-għan li jimla pożizzjonijiet vakanti fl-istituzzjonijiet tal-UE, l-Artikolu 27 tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 12 u 82 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieġ applikabbli għall-Aġenti l-Oħra jirrikjedu, minn naħa waħda, li l-uffiċjali u l-aġenti jissodisfaw l-oġhla standards ta' kapaċità, effiċjenza u integrità, u, min-naħa l-oħra, li jiġu reklutati fuq il-bażi ġeografika l-aktar wiesgħa possibbli minn fost iċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-UE.

2.2. Osservazzjonijiet dwar il-ħtiġijiet tar-reklutaġġ

L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) huwa inkarigat mill-għażla tal-uffiċjali, li jirrappreżentaw l-akbar sehem ta' persunal tal-UE. L-istituzzjonijiet tal-UE jikkomunikaw regolarment il-ħtiġijiet tar-reklutaġġ tagħhom lill-EPSO, li jstabbilixxi pjan annwali biex isiru kompetizzjonijiet u jiddefinixxi l-metodi u l-proċeduri tal-għażla, inklużi r-regoli tal-immarkar għal kull kompetizzjoni. Flimkien mal-verifiki mwettqa mar-reklutaġġ, dan jiggwarantixxi li r-rekluti kollha jissodisfaw l-oġhla standard ta' kapaċità, effiċjenza u integrità, f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolamenti tal-Persunal.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013.

2.2.1. *Tnaqqis ta' applikazzjonijiet għal kompetizzjonijiet tal-UE*

Billi jqabbel il-ħtiġijiet tar-reklutaġġ tal-istituzzjonijiet għal amministraturi mhux lingwistiċi (espressi f'għadd ta' kandidati ta' suċċess mixtieqa) mar-riżultat reali tal-kompetizzjonijiet, l-Anness 1 juri li, bħala regola ġenerali, EPSO m'exxielu jagħżel l-għadd mitlub ta' kandidati ta' suċċess.

Minkejja dan, l-għadd ta' applikanti għal kompetizzjonijiet tal-ġeneralisti AD naqas għall-clusters kollha tal-Istati Membri (Anness 2). Għall-Istati Membri ta' qabel l-2004, dan it-tnaqqis beda wara r-riforma tal-2004 tar-Regolamenti tal-Persunal, filwaqt li għall-Istati Membri ta' wara l-2004, it-tnaqqis beda wara r-riforma tal-2014 tar-Regolamenti tal-Persunal (Anness 3)². Dan affettwa l-kapaċità tal-istituzzjonijiet tal-UE li jissodisfaw il-ħtiġijiet tar-reklutaġġ kif ukoll li jiżguraw reklutaġġ ġeografikament ibbilanċjat.

2.2.2. *Soluzzjoni prammatika implimentata mill-Kummissjoni biex tissodisfa l-ħtiġijiet speċifiċi tar-reklutaġġ*

Biex tindirizza l-ħtiġijiet tar-reklutaġġ tagħha, il-Kummissjoni rrekutat aktar aġenti temporanji f'postijiet permanenti li normalment ikunu okkupati minn uffiċjali permanenti. Fil-Kummissjoni, l-għadd totali tagħhom barra mis-servizzi lingwistiċi żdied minn 461 fl-2013 (li minnhom 118 fil-livell ta' amministratur) għal 1672 fl-2020 (li minnhom 825 fil-livell ta' amministratur).

2.2.3. *Reklutaġġ żbilanċjat ġeografikament*

Il-Kummissjoni ltaqgħet ma' diffikultajiet biex tirrekleta persunal abbażi tal-ġeografika l-aktar wiesgħa possibbli. Fir-rapport tagħha tal-2018 adottat skont l-Artikolu 27 tar-Regolamenti tal-Persunal³, il-Kummissjoni identifikat b'mod partikolari l-kwistjoni tal-attraenza, li ssarraf f'livelli baxxi ta' parteċipazzjoni fil-kompetizzjonijiet tal-UE meta mqabbel mad-daqs tal-popolazzjoni rilevanti ta' wħud mill-Istati Membri. B'riżultat, uħud min-nazzjonalitajiet mhumieħ rappreżentati biżżejjed fil-lista ta' kandidati ta' suċċess tal-EPSO. L-Anness 4 juri li, mill-2018, l-applikazzjonijiet għall-kompetizzjonijiet tal-UE baqgħu żbilanċjati⁴, li jirriżultaw f'reklutaġġi żbilanċjati ġeografikament. B'mod partikolari, l-għadd ta' nazzjonalitajiet sottorappreżentati b'mod sinifikanti fost l-amministraturi subalterni żdied għal 13: l-Awstrijak, iċ-Ċek, l-Estonjan, il-Ġermaniż, id-Daniż, il-Finlandiż, iċ-Ċiprijott, il-Lussemburgiż, il-Malti, l-Olandiż, il-Pollakk, is-Slovakk u l-Iżvediż⁵.

² L-applikazzjonijiet ta' ċittadini Griegi u Ċiprijotti biss żdiedu jew baqgħu stabbli.

³ Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-15 ta' Ġunju 2018, kif ikkorreġut fl-24 ta' Awwissu 2018 minn COM (2018)377 final/2.

⁴ Fil-qafas ta' dan ir-rapport, il-livell ta' parteċipazzjoni għal kull Stat Membru huwa definit mill-proporzjon bejn is-sehem tal-kandidati u s-sehem tal-popolazzjoni tal-UE matul il-perjodu 2013–2019. Jintuża perjodu ta' seba' snin biex jiffaċilita d-*data*, peress li l-kompetizzjonijiet tal-UE jsiru b'mod irregolari. Barra minn hekk, minħabba l-pandemija u l-konsegwenzi tagħha fuq l-organizzazzjoni ta' dawn il-kompetizzjonijiet, is-snin 2020 u 2021 jitqiesu bħala snin atipiċi u għalhekk huma esklużi mill-analiżi.

⁵ Is-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2021.

2.3. Korrelazzjoni bejn l-attrazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE u fatturi makroekonomiċi u soċjoekonomiċi differenti, inkluża r-remunerazzjoni

It-tabella hawn taħt tipprovdi informazzjoni dwar il-livell ta' parteċipazzjoni fil-kompetizzjonijiet tal-UE għal kull Stat Membru matul il-perjodu 2013–2019. L-Istati Membri kollha ġew inklużi fl-analiżi ħlief il-Belġju, l-iżgħar Stat Membru f'termini ta' popolazzjoni u dawk l-Istati Membri li l-livell ta' parteċipazzjoni tagħhom huwa fil-kategorija ta' 80-120 %, jiġifieri qrib il-parteċipazzjoni "fil-mira" ideali⁶. B'mod aktar preċiż, l-Istati Membri esklużi huma:

- Il-Belġju minħabba li r-rappreżentanza żejda taċ-ċittadini Belġjani fost il-kandidati tal-EPSCO hija marbuta mal-istatus ta' Brussell bħala s-sede ta' diversi istituzzjonijiet tal-UE⁷,
- Ċipru, il-Lussemburgu u Malta, peress li, fid-dawl tad-daqs żgħir tal-popolazzjoni tagħhom, l-analiżi tas-sehem ta' kandidati fil-kompetizzjonijiet tal-UE meta mqabbla mal-popolazzjoni nazzjonali mhijiex statistikament soda, u
- L-Ungerija, is-Slovakkja u l-Finlandja, peress li l-livell ta' parteċipazzjoni tagħhom (li jqabbel il-livell ta' parteċipazzjoni mal-perċentwal tal-popolazzjoni) huwa bejn 80 % u 120 % imkejjet fuq seba' snin u għaldaqstant huwa qrib il-mira.

Stat	Livell ta' parteċipazzjoni fir-rigward tal-mira ideali		
Membru	(2013 – 2019)		
EL	362%		
BG	244%		
LT	277%		
HR	201%		
EE	193%		
RO	184%		Aktar
SI	181%		
LV	161%		
PT	160%		
IT	152%		
ES	122%		
AT	73%		
IE	66%		
FR	50%		
DK	49%		Inqas
NL	49%		
CZ	47%		
PL	47%		
SE	36%		
DE	33%		
CY	286%		
BE	279%		
MT	268%		
LU	168%		Esklużi
SK	106%		
HU	97%		
FI	85%		

⁶ Peress li l-"mira" (livell ta' parteċipazzjoni ta' 100 %) qatt ma tista' tintlaħaq għal raġunijiet statistiċi, saret l-għażla li jiġu analizzati biss l-Istati Membri fejn hemm bilanċ ċar. Il-livell ta' limitu ġie stabbilit għal +/- 20 % meta mqabbel ma' livell ta' parteċipazzjoni ta' 100 %. Dan huwa konformi mal-approċċ li ttieħed fir-Rapport tal-Kummissjoni adottat skont l-Artikolu 27 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Artikolu 12 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea (Bilanċ ġeografiku) – COM(2018) 377 final.

⁷ L-istess fenomenu huwa osservat fil-kwartieri ġenerali ta' organizzazzjoni internazzjonali oħra. Pereżempju, il-persunal Ġermaniż huwa rrappreżentat iżżejjed fil-Bank Ċentrali Ewropew.

Sabiex jiġu vvalutati l-fatturi li jinfluwenzaw il-livell ta' parteċipazzjoni fil-kompetizzjonijiet tal-UE għal kull Stat Membru, jeħtieġ li tiġi eżaminata l-attrawenza tal-istituzzjonijiet tal-UE madwar l-UE. Peress li l-għażla li tapplika għal kompetizzjoni tal-UE tibqa' fl-aħħar mill-aħħar waħda personali li tista' tkun ibbażata fuq diversi fatturi, il-Kummissjoni vvalutat l-eżistenza ta' korrelazzjonijiet possibbli bejn sett ta' fatturi makroekonomiċi u soċjoekonomiċi u x-xejriet osservati fil-livell tal-parteeċipazzjoni osservat fl-Istati Membri (l-Anness 5 sa 5.7). B'mod partikolari, il-Kummissjoni vvalutat il-qligħ nett relattiv fl-Istati Membri (l-Annessi 5.1 u 5.2), il-livell ta' qgħad (l-Anness 5.3), is-sitwazzjoni nazzjonali tal-impjiegi (l-Anness 5.4), l-immaġni tal-UE (l-Anness 5.5), il-prospetti finanzjarji personali (l-Anness 5.6), u l-indiċi ta' ħajja aħjar tal-OECD (l-Anness 5.7).

Abbażi ta' din id-*data*, il-Kummissjoni vvalutat il-korrelazzjonijiet possibbli bejn il-parteeċipazzjoni baxxa fil-kompetizzjonijiet tal-UE u dawn il-fatturi soċjoekonomiċi u makroekonomiċi. Jistgħu jinsiltu l-konklużjonijiet li ġejjin:

- il-parteeċipazzjoni taċ-ċittadini tal-UE fil-kompetizzjonijiet tal-UE hija pjuttost korrelata mal-qligħ nett fl-Istati Membri u l-perċezzjoni tal-prospetti ta' impjieg fil-livell nazzjonali,
- jekk l-analiżi tkun ristretta għall-Istati Membri bl-ogħla pagi u bil-pagi l-aktar baxxi, il-livell ta' parteċipazzjoni fil-kompetizzjonijiet tal-UE u l-livell tal-qligħ nett huma kważi perfettament korrelati⁸. Dan huwa partikolarment minnu għall-Ġermanja, Franza, in-Netherlands, l-Awstrija, id-Danimarka, l-Irlanda, l-Iżvezja, il-Portugall, is-Slovenja, il-Litwanja, ir-Rumanija, il-Kroazja, il-Latvja u l-Bulgarija. Għall-Istati Membri b'pigi medji, ir-riżultati huma aktar sfumati u jeħtieġu li jiġu kkunsidrati fatturi soċjoekonomiċi oħra,
- il-livell ta' parteċipazzjoni fil-kompetizzjonijiet tal-UE huwa korrelatat ħafna mal-indiċi ta' ħajja aħjar tal-OECD,
- il-livell ta' parteċipazzjonijiet huwa dgħajjef jew mhux korrelat mal-livell nazzjonali tal-qgħad, mal-immaġni tal-UE fost iċ-ċittadini u mal-perċezzjoni tat-tijib tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' persuna fis-sena li ġejja.

3. IMPLIMENTAZZJONI TAL-ARTIKOLU 65 TAR-REGOLAMENTI TAL-PERSUNAL

3.1. Prinċipju tal-paralleliżmu

Il-prinċipju tal-iżvilupp parallel fil-kapaċità tal-akkwist ifisser li l-kapaċità tal-akkwist tal-membri tal-persunal tal-UE ssegwi, sew jekk tiżdied u sew jekk tonqos, l-evoluzzjoni tal-kapaċità tal-akkwist medja tal-impjegati taċ-ċivil li jaħdmu mal-gvernijiet nazzjonali ċentrali. Il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-paralleliżmu matul il-perjodu osservat

⁸ In-Nazzjonijiet Uniti (NU) jittrattaw din il-kwistjoni billi japplikaw l-hekk imsejjaħ "prinċipju Noblemaire", jiġifieri formula li essenzjalment tistabbilixxi l-livell tas-salarju tan-NU b'referenza għal-livell tas-salarju mħallas mis-servizz ċivili tal-Istat Membru li jħallas l-ogħla (f'dawn l-aħħar snin dan kien b'mod konsistenti l-Istati Uniti). B'konsegwenza, in-NU jistgħu jiggarrantixxu interess minn kandidati tal-Istati Membri kollha.

tista' tiċċara aktar id-diffikultajiet osservati fir-rigward tal-ħtiġijiet tar-reklutaġġ tal-istituzzjonijiet tal-UE.

Skont l-Artikolu 65(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, l-aġġornament tar-remunerazzjonijiet u tal-pensjonijiet jirrifletti l-evoluzzjoni annwali ta' bejn l-1 ta' Lulju tas-sena li għaddiet u l-1 ta' Lulju tas-sena attwali⁹ ta':

- is-salarji reali tal-impjegati taċ-ċivil li jaħdmu mal-gvernijiet ċentrali f'kampjun ta' 10 Stati Membri li jirrappreżentaw mill-anqas 75 % tal-Prodott Domestiku Gross tal-UE (PDG tal-UE)¹⁰. Għal kull wieħed minn dawn l-Istati Membri, it-tibdil annwali fis-salarji reali huwa kkalkulat bl-inflazzjoni eskluża u jissejjaħ l-Indikatur Speċifiku. **L-Indikatur Speċifiku Globali** (GSI - Global Specific Indicator) huwa l-medja tal-indikaturi speċifiċi kollha li jkunu ponderati bil-PDG rispettiv ta' kull Stat Membru.
- l-inflazzjoni annwali fi Brussell u fil-Lussemburgu (bl-istess proporzjon bħad-distribuzzjoni tal-persunal tal-UE bejn iż-żewġt ibliet). Dan l-element jissejjaħ l-**Indiċi Konġunt**.

Il-GSI u l-Indiċi Konġunt jiġu mmultiplikati biex jiġi kkalkulat il-valur tal-aġġornament. Il-valur tal-aġġornament huwa muri bħala perċentwal li jiġi applikat b'mod sistematiku għar-remunerazzjoni netta u għall-pensjonijiet tal-persunal kollu tal-UE b'effett mill-1 ta' Lulju¹¹.

F'dan il-kuntest, importanti li tingħied l-attenzjoni li l-Metodu ma jippermettix "l-għadd doppju" tal-inflazzjoni, iżda jiggarrantixxi l-evoluzzjoni parallela tas-salarji tal-persunal tal-UE u tal-impjegati taċ-ċivil nazzjonali, bl-inflazzjoni eskluża. Għal dan il-għan, fil-kampjun ta' 10 Stati Membri l-GSI l-ewwel jiġi kkalkulat bl-inflazzjoni eskluża, u biss fit-tieni pass jiġi kkombinat mal-Indiċi Konġunt. Tingħata informazzjoni ddettaljata dwar l-evoluzzjoni tal-GSI u l-Indiċi Konġunt fil-parti 3.

3.2. Indikaturi Speċifiċi

Dan il-kapitolu jesplora jekk il-kampjun tal-Istati Membri użat bħalissa għall-kalkolu tal-GSI jsarrafx b'mod korrett fil-bidliet reali fil-kapaċità tal-akkwist tal-impjegati taċ-ċivil nazzjonali u jekk id-derogi ġenerali u speċifiċi mill-prinċipju tal-paralleliżmu inerenti għall-Metodu wasslux għal telf sinifikanti tal-kapaċità tal-akkwist mill-impjegati taċ-ċivil tal-UE.

3.2.1. Kalkolu tal-Indikatur Speċifiku Globali kif definit fil-Metodu tal-2013

Permezz tal-Metodu adottat fl-2013, il-GSI ġie maħdum mill-1 ta' Lulju 2015 bl-użu ta' kampjun ta' 11-il Stat Membru ta' referenza (ponderati bil-PDG): il-Belġju, il-Ġermanja,

⁹ Il-metodoloġija hija bbażata fuq il-paragun ta' stampa ta' sistema nazzjonali ta' remunerazzjoni ta' Stat Membru fix-xahar ta' Lulju tas-sena attwali ma' stampa ekwivalenti fl-istess Stat Membru fix-xahar ta' Lulju tas-sena li għaddiet.

¹⁰ Il-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, u l-Iżvezja. Minkejja l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, il-kampjun ta' 10 Stati Membri għadu jirrappreżenta aktar minn 75 % tal-Prodott Domestiku Gross tal-UE kif meħtieġ skont l-Artikolu 1(4) tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal.

¹¹ Sabiex jitqiesu l-bidliet sostanzjali fl-għoli tal-ħajja fi Brussell u fil-Lussemburgu, l-aġġornament intermedju jista' jseħħ mill-1 ta' Jannar, f'konformità mal-Artikoli 4 sa 7 tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal.

Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

Mill-1 ta' Jannar 2021, ir-Renju Unit ma baqax jitqies bħala Stat Membru tal-UE u għalhekk minn dik id-data mhuwiex inkluż fil-kampjun għall-kalkolu tal-GSI. L-Anness 6 juri li wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, il-kampjun għadu jissodisfa l-limitu ta' 75 % stabbilit fl-Artikolu 1(4) tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal u għalhekk ma jeħtieġx li jiġi emendat. Fl-implimentazzjoni tal-approċċ interistituzzjonali maqbul dwar ir-referenzi għar-Renju Unit fil-leġiżlazzjoni tal-UE, għall-finijiet tal-Artikolu 1(4) tal-Anness XI, l-Eurostat issa juża kampjun li jikkonsisti fl-10 Stati Membri li fadal imsemmija hawn fuq.

Data annwali u kumulattiva mill-Istat Membru fil-kampjun applikabbli

L-Anness 7 juri s-serje kronoloġika tal-indikaturi speċifiċi għall-kampjun applikabbli ta' 11-il Stat Membru mill-1 ta' Lulju 2015, kif ukoll valur medju aritmetiku sempliċi għall-perjodu. L-Anness 8 juri l-istess *data*, mogħtija mill-għdid bħala indiċi kumulattivi (2014=100).

Indikatur Speċifiku Globali għall-kampjun applikabbli

L-impatt kumulattiv tal-GSI kkalkulat u tal-GSI applikat mill-1 ta' Lulju 2015 huwa muri fl-Anness 9. Il-GSI kkalkulat jikkorrispondi għall-evoluzzjoni tal-kapaċità tal-akkwist tal-impjegati taċ-ċivil fil-kampjun tal-Istati Membri tul il-perjodu (ponderat bil-PDG mogħti skont l-Istandards tal-Kapaċità tal-Akkwist). F'konformità mal-prinċipju tal-paralleliżmu (ara l-parti 3.1), il-kapaċità tal-akkwist tal-persunal tal-UE segwiet l-istess evoluzzjoni tal-kampjun, ħlief mill-1 ta' Lulju 2020, b'riżultat tal-implimentazzjoni tal-klawżola ta' eċċezzjoni (ara l-parti 3.2.4).

L-Anness 10 juri s-serje kronoloġika tal-GSI mill-1 ta' Lulju 2015, flimkien mal-Indiċi Konġunt u l-aġġornament annwali korrispondenti għall-persunal tal-UE. Il-GSI applikat, ikkalkulat bħala medja sempliċi għall-perjodu ta' seba' snin huwa 100,6, l-impatt kumulattiv tal-GSI applikat għal Lulju 2014 (2014=100) huwa 103,4.

3.2.2. Indikatur Speċifiku Globali kif definit skont Metodi preċedenti

Is-soluzzjoni leġiżlattiva attwali biex jintuża kampjun ta' 10 Stati Membri biex jiġi kkalkulat l-GSI mhux dejjem kien l-approċċ magħżul mil-leġiżlatur. Qabel l-2004, l-GSI kien jiġi kkalkulat permezz ta' referenza għad-*data* statistika għall-Istati Membri kollha (pereżempju 15-il Stat Membru fl-2003), filwaqt li fil-perjodu 2004–2012 intuża kampjun ta' tmien Stati Membri ta' referenza.

Id-deċiżjoni tal-leġiżlatur li jadotta l-Metodu l-għdid kienet motivata minn analiżi retrospettiva tad-*data* li tissuġġerixxi li l-iżviluppi f'dak il-kampjun ikunu jirriflettu mill-qrib l-evoluzzjoni medja fl-Istati Membri kollha. Madankollu, ta' min jinnota li analiżi sussegwenti wriet li l-evoluzzjoni reali tal-kapaċità tal-akkwist fil-kampjun magħżul wara l-2004 kienet iktar baxxa mill-medja għall-Istati Membri kollha. Fl-2013, il-koleġiżlatur żamm mal-prinċipju ta' kampjun ta' Stati Membri, filwaqt li kabbar id-daqs tiegħu minn 8 għal 11.

Sabiex jiġi ssodisfat ir-rekwiżit statutorju li jiġi analizzat jekk l-evoluzzjoni tal-kapaċità tal-akkwist tal-uffiċjali tal-Unjoni kinitx konformi mal-bidliet fil-kapaċità tal-akkwist tal-impjegati taċ-ċivil li jaħdmu fil-gvernijiet ċentrali mill-Istati Membri kollha, dan il-kapitolu

jipprovdni simulazzjonijiet tal-evoluzzjoni tal-GSI f'każ li kampjun ta' UE 8 jew f'każ li l-ebda kampjun ma jkun intuża fil-perjodu 2015-2021.

Bil-kampjun tat-tmien Stati Membri¹², il-medja sempliċi tal-GSI annwali għall-perjodu 2015-2021 tkun ta' 100,4 u l-impatt kumulattiv (2014=100) ikun ta' 102,5. Bl-Istati Membri kollha, il-medja sempliċi tal-GSI annwali għall-perjodu 2015-2021 tkun ta' 101,1 u l-impatt kumulattiv (2014=100) ikun ta' 106,5.

L-Anness 11 ta' dan ir-rapport iqabbel l-evoluzzjoni tal-GSI kkalkulata abbażi tal-kampjuni alternattivi msemmija hawn fuq. Din id-*data* turi li bħala riżultat tal-kampjun tal-Istati Membri definit fl-2013 mill-koleġiżlatur, il-kapaċità tal-akkwist tal-persunal tal-UE laħqet biss nofs il-bidliet fil-kapaċità tal-akkwist tas-salarji fis-servizzi ċivili nazzjonali fil-gvernijiet ċentrali, li setgħet tirriżulta fit-tnaqqis fl-attrawenza perċepita tal-UE bħala impjegatur.

3.2.3. *Indikatur Speċifiku: xejriet għal Stati Membri individwali*

Kalkoli u ċifri relatati ma' indikaturi speċifiċi fl-Istati Membri huma bbażati fuq *data* pprovduta u vvalidata mill-awtoritajiet tal-istatistika responsabbli fl-Istati Membri. Għal dan il-għan, ġie żviluppat sħarriġ annwali dwar ir-remunerazzjoni li ġie aġġornat tul iż-żmien. Qed issir pubblika ġabra ta' manwali dwar il-metodoloġija speċifiċi għall-pajjiżi u rapporti ta' valutazzjoni biex jogħla l-livell ta' trasparenza¹³.

L-Anness 12 juri fil-qosor id-*data* disponibbli għal kull Stat Membru għall-perjodu 2015-2021 flimkien ma' valur medju aritmetiku sempliċi għall-perjodu. L-Anness 13 juri l-istess *data*, mogħtija mill-ġdid bħala indiċi kumulattiv (2014=100). Fost l-Istati Membri li huma parti mill-kampjun, l-ogħla żidiet netti mill-2015 huma osservati fil-Polonja (121), il-Ġermanja (109,8), l-Awstrija (109,6) u n-Netherlands (109). Iż-żidiet aktar baxxi huma osservati fil-Lussemburgu (101,6) u l-Belġju (101,8), u fil-kampjun, l-impjegati taċ-ċivil ċentrali fi Franza biss esperjenzaw tnaqqis fil-kapaċità netta tal-akkwist tagħhom (97,9).

Minħabba li l-evoluzzjoni tar-remunerazzjoni tal-persunal tal-UE hija kkalkulata fuq il-bażi tal-medja ponderata ta' kampjun ta' Stati Membri, u kif spjegat fid-dettall fil-parti 3.2.1, matul l-istess perjodu, ir-remunerazzjoni tal-persunal tal-UE żdiedet b'103,4.

Fost l-Istati Membri li mhumiex parti mill-kampjun, l-ogħla żidiet netti tar-remunerazzjoni huma osservati fis-Slovakkja (186,4), iċ-Ċekja (167,1), il-Bulgarija (156,3) u ir-Rumanija (148,1). L-Anness 14 juri li l-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri li huma parti mill-kampjun u li għandhom rati baxxi ta' parteċipazzjoni fil-kompetizzjonijiet tal-UE organizzati mill-EPSCO — kif muri fil-parti 2 — kellhom indikaturi speċifiċi fil-biċċa l-kbira superjuri għall-GSI li fuq il-bażi tagħhom ġiet aġġornata r-remunerazzjoni tal-persunal tal-UE. Fi kliem ieħor, l-attrawenza relattiva tal-kapaċità tal-akkwist tal-UE naqset għal dawg il-pajjiżi.

¹² Il-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands u r-Renju Unit.

¹³ Il-manwal ta' metodoloġija ġenerali għall-kalkolu tal-Indikatur Speċifiku jinsab fil-website tal-Eurostat. Barra minn hekk, l-13-il valutazzjoni speċifika għall-pajjiżi diġà ġew ippubblikati mill-aħħar tal-2018 u bħalissa għaddejja ħidma ma' awtoritajiet nazzjonali oħra biex jiżdied l-għadd ta' valutazzjonijiet ppubblikati (ara l-link li ġejja: <https://ec.europa.eu/eurostat/web/civil-servants-remuneration/specific-indicators/country-assessments>).

3.2.4. *Deroga ġenerali għall-prinċipju tal-paralleliżmu: l-applikazzjoni tal-klawżoli ta' moderazzjoni u ta' eċċezzjoni*

B'deroga mill-prinċipju ta' paralleliżmu tal-evoluzzjoni tal-kapaċità tal-akkwist, klawżola ta' moderazzjoni tillimita ż-żidiet għolja fil-kapaċità tal-akkwist kif ukoll kwalunkwe telf kbir fil-kapaċità tal-akkwist għal sena partikolari. Jekk iż-żieda kkalkulata fil-kapaċità tal-akkwist (GSI) taqbeż it-2 %, jew jekk il-kapaċità tal-akkwist tonqos b'aktar minn 2 %, allura l-bidla fil-kapaċità tal-akkwist għall-persunal tal-UE tkun limitata għal 2 %. Il-parti tal-qligħ jew tat-telf fil-kapaċità tal-akkwist li taqbeż it-2 % tiġi applikata disa' xhur wara, mill-1 ta' April tas-sena ta' wara.

It-tieni deroga ġenerali hija l-klawżola ta' eċċezzjoni, li tillimita l-qligħ tal-kapaċità tal-akkwist tal-persunal tal-UE meta jkun hemm kriżi fl-ekonomija tal-UE. Jekk ikun hemm tnaqqis previst fil-PDG tal-UE f'termini reali u jkun hemm qligħ fil-kapaċità tal-akkwist imkejje mill-GSI, imbagħad skont il-kobor ta' tnaqqis tal-PDG f'termini reali, parti miż-żieda fil-kapaċità tal-akkwist tiġi posposta. Jekk il-PDG tal-UE f'termini reali naqas b'aktar minn 3 %, imbagħad iż-żieda fil-kapaċità tal-akkwist minħabba l-Metodu tingħata meta l-ekonomija tal-UE tirkupra, jiġifieri meta l-PDG tal-UE f'termini reali jilħaq il-livell ta' qabel il-kriżi (il-klawżola għall-irkupru). Jekk id-*data* finali mogħtija mill-Kummissjoni dwar il-PDG tal-UE f'termini reali tkun differenti mill-previżjoni sal-punt li tkun taffettwa kif ġiet applikata l-klawżola ta' eċċezzjoni, imbagħad isiru l-korrezzjonijiet meħtieġa, inklużi l-aġġustamenti retroattivi, kemm jekk pożittivi kif ukoll jekk negattivi¹⁴.

Klawżola ta' moderazzjoni: bejn l-2015 u l-2021, l-Eurostat ivverifika kif xieraq iċ-ċifri tal-aġġornamenti fil-konfront tal-kriterji għall-klawżoli ta' moderazzjoni u eċċezzjoni, kif stabbilit fl-Artikoli 10 u 11 tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal. Il-GSI qabeż il-limitu statutorju ta' + 2 %/-2 % biss fl-2020, meta l-GSI mkejje (+ 2,5 %) kien oġġla mil-limitu meħtieġ biex tiskatta l-klawżola ta' moderazzjoni. Minħabba l-applikazzjoni simultanja tal-klawżola ta' eċċezzjoni fl-istess sena (2020), u f'konformità mal-Artikolu 10 tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal, il-klawżola ta' moderazzjoni ma kinitx applikata.

Klawżola ta' eċċezzjoni: it-tbassir annwali tat-tkabbir tal-PDG tal-UE disponibbli fiż-żmien ta' kull rapport annwali tal-Eurostat kien pożittiv, ħlief fl-2020, meta, b'riżultat tal-pandemija tal-COVID-19, l-evoluzzjoni prevista tal-PDG tal-Unjoni f'termini reali kienet negattiva (-7,4 %) ¹⁵. Għaldaqstant il-klawżola ta' eċċezzjoni skont l-Artikolu 11(1) tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal ġiet applikata fl-2020. Peress li t-tnaqqis fil-PDG tal-Unjoni kien akbar minn 3 %, il-GSI ma ntużax biex jiġi kkalkulat il-valur tal-aġġornament tar-remunerazzjoni u tal-pensjonijiet. Għalhekk, il-GSI kollu li kien jiġi kkunsidrat fl-aġġornament annwali għall-2020 (+2,5 %) se jifforma l-bażi tal-kalkolu ta' aġġornament futur ladarba ż-żieda kumulattiva tal-PDG tal-Unjoni f'termini reali ssir pożittiva, f'konformità mal-Artikoli 10 u 11 (4) tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal.

L-implimentazzjoni tad-deroga ġenerali statutorji għall-prinċipju tal-paralleliżmu, b'mod aktar speċifiku, tal-klawżola ta' eċċezzjoni fl-2020 ġiet implimentata b'mod strett, li

¹⁴ Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikoli 64 u 65 tar-Regolamenti tal-Persunal iddeċieda li d-*“data finali”* mogħtija mill-Kummissjoni dwar il-PDG tal-UE għal sena partikolari tista' tiġi interpretata bħala d-*“data”* disponibbli sat-30 ta' Settembru tas-sena ta' wara. Din il-kjarifika kienet meqjusa meħtieġa billi d-*“data”* dwar il-PDG spiss tista' tiġi riveduta bosta snin wara s-sena ta' referenza.

¹⁵ Fl-2021, iċ-ċifra finali mkejla mill-Eurostat għat-tnaqqis tal-2020 tal-PDG tal-UE f'termini reali kienet ta' -5,9 %.

tippermetti li jiġi limitat l-aġġornament annwali li jirriżulta mill-Metodu fi żminijiet ta' reċessjoni ekonomika u b'hekk jiġi pprovdut iffrankar nett għall-baġit tal-UE. Min-naħa l-oħra, l-applikazzjoni tal-klawżola ta' eċċezzjoni kellha impatt fuq l-evoluzzjoni parallela tal-kapaċità tal-akkwist tal-impjegati taċ-ċivil tal-UE, peress li għall-istess perjodu l-impjegati taċ-ċivil li jaħdmu fil-gvernijiet nazzjonali mill-kampjun effettivament ibbenefikaw minn kapaċità tal-akkwist oġġla ta' medja ta' 2,5 %, b'hekk irriżulta fi tnaqqis fl-attrattività għall-UE mill-2020.

Bl-istess mod, l-aġġornament annwali tal-2020 wera l-effettività tal-klawżola ta' moderazzjoni awtomatika, li ġiet introdotta wkoll fl-2014. Jekk il-klawżola ta' eċċezzjoni ma ġietx attivata fl-istess ħin, il-klawżola ta' moderazzjoni kienet tillimita awtomatikament iż-żieda tal-GSI sa April 2021.

B'mod ġenerali, jista' jiġi konkluż li l-awtomatiċità tal-Metodu, (jiġifieri l-aġġornamenti tar-remunerazzjoni bbażati fuq *data* statistika li jipproduċu effetti fuq il-bażi tar-Regolamenti tal-Persunal u mingħajr l-intervent ta' kwalunkwe att legali ieħor) ilha taħdem sew mill-2014. Il-Metodu awtomatiku kien adattat għall-iskop tiegħu, u jippermetti li jitqiesu ċ-ċirkostanzi ekonomiċi u l-evoluzzjonijiet tal-kapaċità tal-akkwist, filwaqt li jitnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv meta mqabbel mar-rikors annwali għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja użata qabel l-2014.

3.2.5. *Deroga speċifika mill-prinċipju ġenerali tal-paralleliżmu*

Sabiex jitqies il-kuntest ekonomiku u soċjali partikolarment diffiċli fl-Unjoni dak iż-żmien, bħala parti mir-riforma tal-2014 ġie deċiż ukoll li l-aġġornament tar-remunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-persunal kollu tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, ta' korpi u aġenziji oħra permezz tal-Metodu jiġi sospiż fl-2013 u l-2014, u li l-vantaġġi potenzjali għall-uffiċjali u aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Metodu jkunu bbilanċjati bl-introduzzjoni mill-ġdid mill-1 ta' Jannar 2014 ta' imposta ta' solidarjetà mnaqqsa mis-salarji tal-persunal tal-UE b'rata oġġla.

3.2.5.1. Is-sospensjoni tal-aġġornament tas-salarji għal sentejn (2013–2014)

Bħala parti mir-riforma tar-Regolamenti tal-Persunal fl-2013, il-Kunsill Ewropew talab li l-aġġustament fir-remunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-persunal kollu tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni permezz tal-Metodu jiġi sospiż għal sentejn. Għalhekk, ma sar l-ebda aġġornament tar-remunerazzjoni u tal-pensjonijiet fl-2013 u fl-2014¹⁶, skont it-test ċar tar-Regolamenti tal-Persunal. Skont il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, dan l-iffriżar ta' sentejn iġġenera ffrankar ta' 1,5 biljun fuq il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014–2020¹⁷.

Filwaqt li s-sospensjoni tal-aġġornament wasslet biex il-prinċipju tal-paralleliżmu ma kienx applikat għall-perjodu 2013–2014, il-koeffiċjenti ta' korrezzjoni baqgħu jiġu aġġornati biex tiġi żgurata l-ugwaljanza tal-kapaċità tal-akkwist bejn il-postijiet tal-impjeg differenti.

¹⁶ Skont l-Artikolu 65(4) tar-Regolamenti tal-Persunal.

¹⁷ Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, Rapport Speċjali Nru 15/2019 – Implimentazzjoni tal-pakkett ta' riformi tal-persunal tal-2014 fil-Kummissjoni – Iffrankar sinifikanti, iżda mhux mingħajr konsegwenzi għall-persunal.

3.2.5.2. L-impatt tal-imposta ta' solidarjetà tal-UE

L-imposta ta' solidarjetà hija tnaqqisa mir-remunerazzjoni tal-persunal tal-UE li ddaħħlet mill-ġdid b'rata miżjuda fl-1 ta' Jannar 2014. Ir-rata tal-imposta ta' solidarjetà, li hija applikata fuq il-bażi ddefinita fl-Artikolu 66a(3) tar-Regolamenti tal-Persunal, hija ta' 6 %. Għall-persunal mill-grad AD 15, skala 2 'il fuq, din toġhla għal 7 %. Fl-abbozz tal-baġit tal-2022¹⁸, id-dħul mill-imposta ta' solidarjetà huwa mistenni li jilħaq EUR 106 miljun. L-Anness 15 juri l-evoluzzjoni ta' dan id-dħul mill-2012.

3.2.5.3. Valutazzjoni tad-derogi speċifiċi għall-prinċipju ta' paralleliżmu

B'riżultat ta' dawn id-derogi speċifiċi, il-persunal tal-UE ġarrab telf sinifikanti f'termini ta' kapaċità tal-akkwist reali. Il-persunal tal-UE tilef madwar 10,3 % tal-kapaċità tal-akkwist tiegħu, prinċipalment minħabba l-effett ikkombinat tar-riformi tar-Regolamenti tal-Persunal fl-2004 u fl-2013, it-tnaqqis fl-aġġustamenti tas-salarji u l-implimentazzjoni tal-klawżola ta' eċċezzjoni fl-2020. Matul l-istess perjodu, l-impjegati taċ-ċivil li jaħdmu fil-gvernijiet ċentrali tal-Istati Membri kisbu medja ta' 0,9 % f'termini ta' kapaċità tal-akkwist¹⁹.

3.3. L-Indiċi Konġunt

L-Indiċi Konġunt ikejjel it-tibdil fl-għoli tal-ħajja fil-Belġju u l-Lussemburgu għall-persunal tal-UE skont id-distribuzzjoni tal-persunal li jaħdmu f'dawk iż-żewġ Stati Membri, ibbażat fuq l-Indiċijiet Armonizzati tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (Harmonised Indices of Consumer Prices, HICP) fil-każ tal-Belġju, u l-Indiċi tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (Consumer Price Index, CPI) fil-każ tal-Lussemburgu, f'konformità mal-Artikolu 1 tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal. Minħabba l-fatturi ta' ponderazzjoni speċifiċi tal-konsum użati għall-aggregazzjoni tal-Indiċi Kongunt²⁰, jista' jkun hemm differenzi bejn l-evoluzzjoni tiegħu u x-xejra tal-evoluzzjoni tal-HICP għall-Belġju u s-CPI għall-Lussemburgu²¹ għal sena partikolari.

L-Anness 16 juri s-serje kronoloġika tal-Indiċi Konġunt (żieda annwali minn Ġunju sa Ġunju b'referenza għas-sena preċedenti), flimkien ma' informazzjoni għall-HICP Belġjan u s-CPI tal-Lussemburgu. L-Indiċi Konġunt medju tul il-perjodu mill-2015 sal-2021 kien 101,4. L-indiċi kumulattiv għall-perjodu sħiħ sa Ġunju 2021 (bażi Ġunju 2014=100) huwa 110,6. Biex inqabblu, l-HICP medju fil-Belġju tul il-perjodu huwa 101,6 u t-total kumulattiv għall-perjodu huwa 111,4. Is-CPI medju fil-Lussemburgu tul il-perjodu kien 101,2 u t-total kumulattiv għall-perjodu huwa 108,8.

B'riżultat tal-introduzzjoni tal-Indiċi Konġunt bir-riforma tal-2014 tar-Regolamenti tal-Persunal, parti mill-aġġornament li tikkorrispondi għall-inflazzjoni mkejla fi Brussell u fil-Lussemburgu ppermettiet li tiġi żgurata l-konsistenza bejn l-aġġustamenti mħallsa lill-persunal tal-UE u l-inflazzjoni mkejla fi Brussell u fil-Lussemburgu. L-Anness 17 juri li fil-

¹⁸ L-Abbozz tal-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022, COM (2021) 300.

¹⁹ Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar id-*data* marbuta mal-impatt baġitarju tal-aġġornament annwali tal-2021 tar-remunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea u l-koeffiċjenti ta' korrezzjoni applikati għalihom COM(2021) 729.

²⁰ Meta mqabbla mal-fatturi ta' ponderazzjoni regolari użati għall-istatistika tal-prezzijiet, id-differenza ewlenija għall-aggregazzjoni tal-Indiċi Konġunt hija l-użu ta' fatturi ta' ponderazzjoni għal kirjiet li jinkludu sidien okkupanti (minflok jitqiesu biss l-inkwilini).

²¹ Il-valuri murija huma għall-indiċi aggregat kumplessiv; il-kalkoli nfushom isiru mil-livell dettaljat.

każ li l-Indiċi Internazzjonali ta' Brussell kompli jservi bħala bażi għall-aġġornament tar-remunerazzjoni kif kien il-każ skont il-Metodu preċedenti, l-inflazzjoni kumulattiva mkejla matul il-perjodu ta' referenza kienet tkun kważi l-istess bħal dik ikkalkulata abbażi tal-Indiċi Kongunt²². It-total kumulattiv għall-Indiċi Konġunt huwa aktar baxx mill-HICP Belġjan u oġhla mis-CPI tal-Lussemburgu.

4. IMPLIMENTAZZJONI TAL-ARTIKOLU 64 TAR-REGOLAMENTI TAL-PERSUNAL

4.1. Prinċipju tal-parità fil-kapaċità tal-akkwist bejn il-persunal tal-UE – il-koeffiċjenti ta' korrezzjoni

Il-koeffiċjent ta' korrezzjoni jqiegħed fil-prattika l-prinċipju ġenerali tat-trattament ugwali, li f'dan il-każ partikolari jikkorrispondi għall-parità fil-kapaċità tal-akkwist bejn il-persunal kollu tal-istituzzjonijiet, tal-korpi u tal-aġenziji tal-UE, irrispettivament mill-post tal-impjieg tagħhom. Billi l-istess skali tas-salarju u tal-ammonti bażiċi japplikaw għall-persunal kollu tal-UE, il-koeffiċjenti ta' korrezzjoni japplikaw għall-persunal li jservu f'postijiet barra minn Brussell u l-Lussemburgu, li fil-postijiet tax-xogħol tagħhom la għandhom jbatu finanzjarjament minn għoli tal-ħajja akbar u lanqas ma għandhom jibbenefikaw minn anqas kostijiet għall-ġhajxien²³.

Għaldaqstant il-koeffiċjent ta' korrezzjoni jaħdem bħala aġġustament f'perċentwal tas-salarju li jikkompensa d-differenza (pożittiva jew negattiva) fl-għoli tal-ħajja f'kull post tax-xogħol. Il-koeffiċjent ta' korrezzjoni huwa applikat skont din il-formula:

$$\begin{array}{ccccccc}
 \text{Salarju fi} & & \text{Koeffiċjent ta'} & & \text{Rata tal-kambju} & & \text{Salarju fuq il-post} \\
 \text{Brussell} & & \text{korrezzjoni} & & \text{(=1 għall-pajjiżi tal-} & & \text{tax-xogħol} \\
 \text{(f'euro)} & & & & \text{euro)} & & \text{(f'euro għall-pajjiżi} \\
 & \times & \text{(= Parità} & \times & & = & \text{tal-euro)} \\
 & & \text{ekonomika / Rata} & & & & \\
 & & \text{tal-kambju)} & & & & \\
 & & & & & &
 \end{array}$$

Il-koeffiċjenti ta' korrezzjoni huma aġġornati mill-anqas darba fis-sena b'effett fl-1 ta' Lulju²⁴.

Il-metodoloġija biex jiġu kkalkolati l-koeffiċjenti ta' korrezzjoni hija ddefinita mill-Eurostat u tittejjeb regolarment mill-Eurostat flimkien mal-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika. Għall-perjodu taħt kunsiderazzjoni, ta' min insemmu l-iżviluppi li ġejjin:

- l-implimentazzjoni ta' metodoloġija aktar żviluppata biex jitqabblu l-kostijiet tal-kura tas-saħħa u tal-edukazzjoni, inklużi skejjel li jħallsu tariffi madwar l-Istati Membri,

²² Innota li matul il-perjodu ta' referenza, ir-rati tal-inflazzjoni kienu storikament baxxi għas-subindiċijiet komponenti kollha. Innota wkoll li l-kalkolu qed juża mudell ta' konsum għall-Belġju waħdu u jista' jagħti riżultati kemxejn differenti jekk jiġi kkombinat ma' mudell ta' konsum speċifiku għal-Lussemburgu.

²³ Għall-membri tal-persunal assenjati fid-delegazzjonijiet, skont l-Artikolu 11 tal-Anness X, il-membri tal-persunal għandhom il-possibbiltà li jitolbu l-ħlas tar-remunerazzjoni tagħhom f'euro bil-ponderazzjoni applikabbli fi Brussell.

²⁴ Aġġornament intermedju jista' jseħħ b'effett mill-1 ta' Jannar f'każ ta' bidla sostanzjali fl-għoli tal-ħajja bejn Ġunju u Diċembru.

- il-ħidma tal-ġbir tad-*data* ġiet adattata fil-kuntest ta' Brexit u tal-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19,
- l-għadd dejjem akbar ta' organizzazzjonijiet li huma lesti li jikkooperaw mal-Eurostat²⁵ u jużaw id-*data* maħruġa mill-Eurostat għal għanijiet differenti.

L-Anness 18 juri l-valuri tal-koeffiċjenti ta' korrezzjoni għal postijiet tax-xogħol individwali fl-UE²⁶ għall-perjodu bejn l-2013 u l-2021. Minn din it-tabella jidher ċar li l-koeffiċjenti ta' korrezzjoni għal postijiet differenti segwew xejriet differenti maż-żmien. F'15-il post, dawn naqsu tul il-perjodu, filwaqt li żdiedu f'16-il post.

Mid-dħul fis-seħħ tal-Anness XI emendat tar-Regolamenti tal-Persunal, hemm fis-seħħ proċedura ġdida għall-ħolqien jew l-irtirar tal-koeffiċjenti ta' korrezzjoni barra mill-belt kapitali, f'konformità mal-Artikolu 9 tiegħu²⁷. Wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, mill-1 ta' Frar 2020 il-koeffiċjent ta' korrezzjoni applikabbli fir-Renju Unit huwa kkalkulat f'konformità mal-metodoloġija applikabbli għal pajjiżi terzi²⁸.

4.2. Kwistjonijiet affaċċjati mill-Kummissjoni mas-sistema tal-koeffiċjenti ta' korrezzjoni

4.2.1. *Perċezzjoni li l-koeffiċjenti ta' korrezzjoni għandhom impatt negattiv fuq il-kapaċità tal-akkwist u l-attrazzenza tas-servizz pubbliku tal-UE*

Kif identifikat fl-2018 fir-rapport *interim* tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Anness XI²⁹, il-koeffiċjenti ta' korrezzjoni spiss jitqiesu b'mod żbaljat bħala l-mutur tat-tnaqqis fil-kapaċità tal-akkwist tal-persunal tal-UE. Is-servizzi tal-Kummissjoni spiss jiġu mistoqsija mill-partijiet ikkonċernati, inklużi l-persunal, ir-rappreżentanti tal-persunal, ir-rappreżentanti tal-Istat ospitanti dwar ir-rwol tal-koeffiċjenti ta' korrezzjoni u l-metodoloġija użati għall-komputazzjoni tagħhom. Din il-kwistjoni tirriżulta b'mod partikolari f'każijiet li

²⁵ Pereżempju, l-“stħarriġiet dwar il-baġit tal-familji” li saru biex jiddefinixxu l-fatturi ta' ponderazzjoni tal-konsum ġew armonizzati bis-sħiħ mal-Organizzazzjonijiet Ikkordinati (pereżempju l-OECD, il-Kunsill tal-Ewropa) u n-Nazzjonijiet Uniti fl-2015 iddeċidew li jużaw id-*data* tas-sors tal-Eurostat dwar il-koeffiċjenti ta' korrezzjoni bħala input biex jaġġustaw is-salarji tal-persunal li jaħdmu fl-UE (bħall-Eurostat juża d-*data* tan-NU għal ħafna postijiet barra mill-UE).

²⁶ F'konformità mal-Artikoli 12 u 13 tal-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal, jistgħu japplikaw ukoll fatturi tal-ponderazzjoni speċifiċi (koeffiċjenti ta' korrezzjoni) għar-remunerazzjoni ta' persunal stazzjonat barra l-UE. Il-valur aġġornat ta' dawn il-fatturi ta' ponderazzjoni jiġi meħmuż mar-rapporti annwali adottati mill-Kummissjoni dwar *data* li tappartjeni għall-impatt fuq il-baġit tal-aġġornamenti. Eurostat żviluppa metodoloġija speċifika f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika.

²⁷ Din il-proċedura tinvolvi b'mod partikolari l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' att delegat wara talba formali ppreżentata mill-awtoritajiet xierqa tal-Istati Membri kkonċernati, l-amministrazzjoni ta' istituzzjoni tal-Unjoni jew ir-rappreżentanti ta' uffiċjali tal-Unjoni f'post tal-impjeg partikolari. Għall-persunal assenjat f'Bonn, fl-2021, l-uffiċċju nazzjonali tal-istatistika Ġermaniż waqaf jipprovdidi *data* għall-kalkolu ta' dan il-koeffiċjent ta' korrezzjoni f'Bonn. Fin-nuqqas ta' *data* pprovduta mill-uffiċċju nazzjonali tal-istatistika rilevanti, u fir-rigward tal-għadd limitat ħafna ta' persunal ikkonċernat, mill-2021 il-koeffiċjent ta' korrezzjoni applikabbli f'Bonn ġie sospiż u sostitwit mill-koeffiċjent ta' korrezzjoni applikabbli fil-Ġermanja.

²⁸ ĠU C 211/8 tal-25 ta' Ġunju 2020 u ĠU C 501, 13 ta' Diċembru 2021.

²⁹ Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 66a tagħhom, COM (2018) 830.

jinvolvu persunal li l-post tal-impjeg tagħhom ikun soġġett għal koeffiċjent ta' korrezzjoni taħt 100, partikolarment meta dan il-koeffiċjent ikun soġġett għal aġġornament 'l isfel³⁰.

Il-koeffiċjenti ta' korrezzjoni għandhom biss l-għan li maż-żmien iżommu l-ekwivalenza tal-kapaċità tal-akkwist bejn il-persunal stazzjonat fi Stati Membri differenti u l-membri tal-persunal stazzjonati fi Brussell. Min-naħa l-oħra, il-koeffiċjenti ta' korrezzjoni ma għandhomx l-għan li jżommu l-kapaċità tal-akkwist f'livell partikolari. Għaldaqstant, meta l-kapaċità tal-akkwist tal-persunal fi Brussell naqset mill-2004 (parti 3.2.5), il-kapaċità tal-akkwist tal-persunal fil-postijiet tal-impjeg kollha naqset bl-istess proporzjon. Għalhekk, il-koeffiċjenti ta' korrezzjoni jirrappreżentaw biss il-vettura li permezz tagħha l-aġġustament jiġi implimentat f'postijiet lil hinn minn Brussell u mill-Lussemburgu.

Fl-istess ħin, din il-perċezzjoni tal-koeffiċjenti ta' korrezzjoni għadha kwistjoni marbuta mal-attraenza tas-servizz pubbliku tal-UE f'xi Stati Membri. F'dak ir-rigward, għadd ta' aġenziji tal-UE, li jinsabu fi Stati Membri fejn japplika koeffiċjent ta' korrezzjoni ta' anqas minn 100, irrapportaw lill-Kummissjoni li kien hemm impatt negattiv ċar fuq il-kapaċità tagħhom li jimpjegaw u li jżommu persunal bi kwalifiki għoljin u ġeografikament ibbilanċjat. Fl-istess mod, l-aġenziji li jinsabu fi Stati Membri b'koeffiċjenti ta' korrezzjoni għoljin irrapportaw ukoll diffikultajiet simili, u enfasizzaw it-tnaqqis tal-kapaċità tal-akkwist netta tal-persunal tal-UE osservata f'haġna postijiet tax-xogħol, irrispettivament mill-koeffiċjent ta' korrezzjoni applikabbli.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tiżgura, fl-okkażjoni ta' kull aġġornament tal-koeffiċjenti ta' korrezzjoni, li tingħata informazzjoni komprensiva lil istituzzjonijiet oħra dwar il-kuntest tal-aġġornament u tipprovdi spjegazzjonijiet dettaljati dwar il-fluttwazzjoni tal-koeffiċjenti ta' korrezzjoni differenti u l-evoluzzjoni tal-kapaċità tal-akkwist tal-persunal.

4.2.2. *Nuqqas ta' konsiderazzjoni għal spejjeż li jsiru barra mill-post tal-impjeg*

Skont ir-Regolamenti tal-Persunal, l-Eurostat u l-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika huma responsabbli għad-determinazzjoni tal-metodoloġija statistika applikata għall-kalkolu tal-koeffiċjenti ta' korrezzjoni u l-implimentazzjoni tagħha. Il-metodoloġija eżistenti żviluppata mill-Eurostat f'kooperazzjoni mal-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika hija bbażata fuq l-assunzjoni li n-nefqa tal-membri tal-persunal issir kollha kemm hi fil-post tal-impjeg. Dan l-approċċ qed jiġi analizzat, peress li x-xejriet tal-konsum kumplessivi tal-membri tal-persunal jinkludu wkoll infiq barra mill-post tal-impjeg (“infiq barra miż-żona”).

F'dan ir-rigward, l-Eurostat u l-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika qablu dwar il-ħtieġa li l-sħarriġiet dwar il-baġit tal-familji jiġu aġġornati sabiex jiġi kkwantifikat l-impatt tan-“nefqa barra miż-żona” fuq il-konsum tal-persunal espatrijat tal-UE. Abbażi ta' dan, ir-riżultati sperimentali ġew diskussi fost l-istatistiċi tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri. B'mod partikolari, l-Eurostat beda jesplora l-possibbiltà li jirrifletti aħjar ix-xejriet tan-nefqa tal-persunal billi jinkludi l-ispejjeż li jsiru barra mill-post tal-impjeg. L-Anness 19 juri r-riżultati ta' din il-ħidma preliminari u b'mod partikolari l-effett ta' ċċattjar li jirriżulta mill-inklużjoni ta' “infiq barra miż-żona” fix-xejriet tal-konsum tal-persunal tal-UE. Fir-rigward tax-xejriet

³⁰ Mistoqsija rċevuta regolarment tikkonċerna l-ambitu lokali li fuq il-bażi tiegħu jiġu kkalkulati l-koeffiċjenti ta' korrezzjoni. Il-koeffiċjenti ta' korrezzjoni huma kkalkulati abbażi ta' tqabbil tal-għoli tal-ħajja fl-ibliet kapitali tal-Istati Membri ħlief f'każijiet fejn il-koeffiċjenti ta' korrezzjoni lokali huma kkalkulati għal xi Stati Membri f'liema każ, il-kostijiet lokali huma riflessi (ara f'dan is-sens il-kawża T-618/20, *FZ vs il-Kummissjoni*).

tal-konsum tal-persunal tal-UE, is-sistema tal-koeffiċjenti ta' korrezzjoni qed tiffoka fuq tqabbil bilaterali bejn Brussell u l-post tax-xogħol, iżda jista' jiġi previst li tqis ukoll l-infiq "barra miż-żona". Huwa mistenni li l-ħidma sperimentali attwali tal-Eurostat dwar "nefqa barra miż-żona" tkun matura fis-snin li ġejjin bħala miżura statistika u tista' tirriżulta f'evoluzzjoni tal-metodoloġija statistika applikata, sakemm jintlaħaq qbil fost l-istatistiċi fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Artikoli 64 u 65 tar-Regolamenti tal-Persunal. Uħud minn dawn il-bidliet jistgħu, madankollu, jiġu implimentati taħt il-qafas statutorju attwali.

4.2.3. *Għoli tal-ħajja fil-Lussemburgu*

Meta saret l-aħħar riforma tar-Regolamenti tal-Persunal fl-2014, il-koleġiżlaturi żammew is-soluzzjoni leġiżlattiva stabbilita li l-ebda koeffiċjent ta' korrezzjoni ma għandu jkun applikabbli għar-remunerazzjoni tal-persunal fi Brussell u l-Lussemburgu, meta jitqies ir-rwol referenzjarju speċjali ta' dawn il-postijiet ta' impjieg bħala s-sedi prinċipali u oriġinali tal-biċċa l-kbira tal-istituzzjonijiet. Fl-istess ħin, il-koleġiżlaturi ddeċidew li jqisu kif dovut l-inflazzjoni fil-Lussemburgu billi ħolqu l-Indiċi Konġunt.

In-nuqqas ta' koeffiċjent ta' korrezzjoni fil-Lussemburgu skont ir-Regolamenti tal-Persunal qed jiġi ddubitat mill-partijiet ikkonċernati u minn ċerti rappreżentanti tal-persunal. F'dan ir-rigward, wara r-rapport *interim* tal-Kummissjoni dwar l-Anness XI³¹, din l-istituzzjoni kkummissjonat studju dwar l-għoli tal-ħajja fil-Lussemburgu biex tivvaluta jekk is-soluzzjoni leġiżlattiva stabbilita fir-Regolamenti tal-Persunal baqgħetx adatta għall-iskop tagħha. Il-Kummissjoni kkuntrattat lil AIRINC biex twettaq l-istudju.

Skont AIRINC, l-akkomodazzjoni fil-belt tal-Lussemburgu fl-2019 swiet madwar 53 % aktar milli fi Brussell. Il-kera kienet il-mutur ewlieni għad-deterjorament tal-kapaċità tal-akkwist tal-membri tal-persunal li jaħdmu u jirrisjedu fil-Lussemburgu meta mqabbla mal-membri tal-persunal li jaħdmu u jirrisjedu fi Brussell.

Madankollu, AIRINC ikkonkludiet li l-Lussemburgu jinsab f'sitwazzjoni unika peress li għandu eluf ta' membri tal-persunal tal-istituzzjonijiet Ewropej residenti f'reġjuni tal-fruntiera, fejn l-għoli tal-ħajja huwa ferm aktar baxx milli fi Brussell. Madankollu, dawn il-membri tal-persunal xorta ma jirrisjedux aktar 'il bogħod minn dak li jkun kompatibbli mat-twettiq xieraq tad-dmirijiet tagħhom³². B'riżultat ta' din il-partikolarità ġeografika tal-Lussemburgu, l-introduzzjoni ta' koeffiċjent ta' korrezzjoni kkalkulat abbażi tal-kostijiet osservati fil-Lussemburgu tista' ma tqisx bis-sħiħ il-partikolaritajiet tal-Lussemburgu bħala post tal-impjieg tal-UE³³.

Barra minn hekk, fost 80 intestatura użati mill-Eurostat biex jitqabblu d-differenzi bejn il-postijiet tal-impjieg, l-akkomodazzjoni hija l-intestatura prinċipali fejn l-għoli tal-ħajja fil-Lussemburgu huwa manifestament ogħla minn dak ta' Brussell³⁴.

³¹ COM(2018) 830.

³² Dan ir-rekwiżit huwa stabbilit mill-Artikolu 20 tar-Regolamenti tal-Persunal.

³³

https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/study_on_the_cost_of_living_for_eu_staff_posted_in_luxembourg_-_final_report_v26-09-2019_0_0.pdf

³⁴ Hekk kif l-UE tibda toħroġ minn perjodu twil ta' inflazzjoni storikament baxxa, u l-ekonomiji tal-Lussemburgu u l-Belġju jkomplu jevolvu, qed jibdeu jidhru differenzi għal ċerti oġġetti u servizzi oħra bħall-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, l-għamara, ix-xorb alkoħoliku u t-tabakk.

Barra minn hekk, xi membri tal-persunal setgħu akkwistaw l-abitazzjonijiet tagħhom fi żmien meta l-kostijiet tal-akkomodazzjoni kienu aktar baxxi jew simili fil-Lussemburgu meta mqabbla ma' Brussell u potenzjalment esperjenzaw moviment fil-prezz tal-assi li jiddistingwihom minn persunal ġdid/eżistenti li ma kellhomx proprjetà qabel³⁵.

Għalhekk, jitqies li l-introduzzjoni ta' koeffiċjent ta' korrezzjoni f'dan l-istadju tista' ma tikkontribwixxix biex tiġi żgurata l-ugwaljanza tal-kapaċità tal-akkwist fost il-persunal tal-UE. Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' koeffiċjent ta' korrezzjoni abbażi biss ta' livell/xejra diverġenti tal-prezzijiet għal komponent wieħed jista' jintroduċi element ta' instabbiltà, jekk il-livell/ix-xejra tal-prezzijiet ta' dak il-komponent wieħed ma jibqax ivarja fil-futur.

F'dan ir-rigward, flimkien ma' istituzzjonijiet oħra kkonċernati, il-Kummissjoni qed tivvaluta miżuri li jippermettu li jiġu indirizzati b'mod effettiv il-kostijiet għolja tal-akkomodazzjoni, li għalihom huwa espost xi persunal residenti fil-Lussemburgu. Dawn il-miżuri jippermettu li jiġu indirizzati l-ispeċifitàjiet tal-Lussemburgu u b'mod partikolari s-sitwazzjoni tal-persunal tal-UE assenjat fil-Lussemburgu iżda li jirrisjedi f'pajjiżi ġirien.

Grupp ta' ħidma tar-rappreżentanti tal-amministrazzjonijiet tal-Istituzzjonijiet tal-UE b'persunal fil-Lussemburgu bħalissa qed jiddiskuti l-possibbiltajiet biex jiġu indirizzati l-isfidi affaċċjati mill-aktar membri tal-persunal vulnerabbli li huma assenjati u residenti fil-Lussemburgu³⁶.

B'mod parallel, il-Kummissjoni qed teżamina l-iżviluppi metodoloġiċi dwar "infiq barra miż-żona", li jistgħu jservu bħala element addizzjonali fir-riflessjoni dwar l-introduzzjoni ta' koeffiċjenti ta' korrezzjoni għal-Lussemburgu.

Valutazzjoni tal-effetti tal-miżura soċjali mmirata dwar l-attraenza tal-Lussemburgu bħala post tal-impjieg, flimkien mal-ħidma statistika fir-rigward tan-"nefqa barra miż-żona", għandhom jiffurmaw parti mir-riflessjoni dwar l-opportunità li tiġi prevista kwalunkwe evoluzzjoni fil-qafas legali attwali bil-ħsieb li tissaħħaħ l-ugwaljanza tal-kapaċità tal-akkwist fost il-persunal tal-UE.

5. KONKLUŻJONIJIET

L-Artikolu 15(3) tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal jipprevedi l-applikazzjoni kontinwa tal-Metodu u l-Artikolu 66a tar-Regolamenti tal-Persunal lil hinn mill-2023, sakemm il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ma jkunux adottaw regolament abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni.

Mill-2014, il-Kummissjoni osservat attraenza mhux ugwali fost l-applikanti għall-kompetizzjonijiet tal-ġeneralisti tal-EPSO li tirriżulta fi żbilanċi ġeografiċi fost il-persunal tal-Kummissjoni. Matul l-istess perjodu, l-evoluzzjoni tar-remunerazzjoni tal-persunal tal-UE (+3,4) laħqet biss nofs il-bidla fil-kapaċità tal-akkwist tas-salarji fis-servizzi ċivili nazzjonali fil-gvernijiet ċentrali (+6,5).

³⁵ Wieħed jista' jargumenta li dan jista' jkun il-każ f'postijiet tax-xogħol oħra iżda b'mod ħafna iktar limitat bħala riżultat tal-fatturat tar-reklutaġġ.

³⁶ Miżuri soċjali tista' tiġi adottata skont l-Artikolu 1(e) tar-Regolamenti tal-Persunal u tkun limitata għall-persunal tal-grad i-aktar baxxi filwaqt li titqies is-sitwazzjoni individwali tagħhom.

Fl-istess ħin, il-Metodu awtomatiku pprovdut skont l-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal:

- warrab it-tensjonijiet interistituzzjonali u kawżi tal-qorti magħrufa mill-passat, filwaqt li jibqgħu taħt l-iskrutinju kostanti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill permezz tar-rapporti annwali mogħtija mill-Kummissjoni.
- ta prova tal-effiċjenza tiegħu, inkluż fl-2020, meta l-implimentazzjoni awtomatika tal-klawżola ta' eċċezzjoni llimitat iż-żidiet fis-salarju fi żmien ta' reċessjoni ekonomika u ġġenerat iffrankar nett għall-baġit tal-UE,
- irriżulta f'żidiet moderati fis-salarji u impedixxa, mill-2015 — lill-persunal tal-UE milli jkompli jitlef il-kapaċità tal-akkwist, billi jiżgura aġġornament annwali kumulattiv (114,3) qrib l-inflazzjoni annwali kumulattiva mkejla mill-Indiċi Konġunt fi Brussell u fil-Lussemburgu (110,6),
- irriżulta fi tnaqqis fil-kapaċità tal-akkwist tal-persunal tal-UE b'0,2 fl-2021,
- żgura l-kontribut kontinwu tal-persunal tal-UE għall-konsolidazzjoni tal-finanzi pubbliċi fl-Unjoni bl-introduzzjoni mill-ġdid ta' imposta ta' solidarjetà b'rata oġhla,
- irreżista l-iskrutinju legali quddiem il-Qrati Ewropej fil-ftit kawżi individwali miġjuba kontrih u evita tensjonijiet soċjali, peress li ma kien hemm l-ebda strajk kbir fl-Istituzzjonijiet matul dak il-perjodu.

Għalhekk, f'dan l-istadju, il-Kummissjoni tqis li huwa meħtieġ li jiġi evalwat tiġib metodoloġiku possibbli fis-sistema tal-koeffiċjenti ta' korrezzjoni, kif ukoll li tiġi vvalutata l-opportunità li jitwessa' l-kampjun tal-Istati Membri użat għall-kalkolu tal-GSI, qabel ma tiġi ppreżentata proposta biex jiġi emendat l-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal.

Konsegwentement, f'konformità mal-Artikolu 15(3) tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Kummissjoni se sserraħ fuq l-applikazzjoni proviżorja tal-Metodu attwali lil hinn mill-2023, filwaqt li tiżgura r-rappurtar annwali kontinwu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar id-*data* li tippartjeni għall-impatt fuq il-baġit tar-remunerazzjoni u l-pensjonijiet.

ANNESSE

Anness 1: Kompetizzjonijiet AD mhux lingwistiċi tal-EPPO (il-profilu kollha) skont is-sena tal-pubblikazzjoni



AD	kandidati ta' suċċess mixtieqa	kandidati ta' suċċess	Issodisfar tal-ħtiġijiet
2013	474	457	96 %
2014	340	359	106 %
2015	375	383	102 %
2016	351	361	103 %
2017	290	313	108 %
2018	423	435	103 %
2019	585	591	101 %

Anness 2: Għadd ta' Parteċipanti fil-kompetizzjonijiet miftuħa tal-ġeneralisti fil-livell AD (Sors: EPPO)


	1998	Settembru 2005	Marzu 2010	Marzu 2014	Marzu 2015	Marzu 2017	Marzu 2018	Marzu 2019	Medja 2017-19 vs Medja 1998-05	Medja 2014-15 vs Medja 1998-05	Medja 2017-19 vs Medja 2014-15
AT	755	1162	259	397	453	376	471	373	-58 %	-56 %	-4 %
BE	2735	3905	1745	2036	2111	1635	1537	1423	-54 %	-38 %	-26 %
DK	531	1179	130	273	233	153	161	169	-81 %	-70 %	-36 %
FI	795	538	298	258	265	304	223	330	-57 %	-61 %	9 %
FR	3647	4745	1696	2015	2176	1668	1643	1623	-61 %	-50 %	-22 %
DE	2836	3573	1418	1947	2115	1473	1521	1464	-54 %	-37 %	-27 %
EL	1075	873	1381	1812	2146	2533	2164	1844	124 %	103 %	10 %
IE	425	279	153	182	172	167	176	191	-49 %	-50 %	1 %
IT	8918	7212	3676	4608	6982	5071	4712	5331	-38 %	-28 %	-13 %
LU	106	92	33	42	70	56	54	67	-40 %	-43 %	5 %
NL	662	750	252	584	530	602	642	622	-12 %	-21 %	12 %
PT	1098	1746	556	1083	1133	736	629	595	-54 %	-22 %	-41 %
ES	4335	3397	1786	3602	3818	3108	3050	3356	-18 %	-4 %	-15 %
SE	1314	943	276	248	253	221	208	211	-81 %	-78 %	-15 %
EUR 14	29232	30394	13659	19087	22457	18103	17191	17599	-41 %	-30 %	-15 %
CY		189	84	117	157	123	143	143			0 %
CZ		420	319	283	348	214	235	404			-10 %
EE		105	140	234	279	111	92	91			-62 %
HU		667	572	747	673	459	442	380			-40 %
LV		145	247	193	197	128	146	118			-33 %
LT		342	447	377	468	290	302	267			-32 %
MT		174	79	91	100	70	78	74			-23 %
PL		1097	1086	1146	1300	855	838	778			-33 %
SK		378	454	370	391	259	243	274			-32 %
SI		201	209	237	318	201	196	162			-33 %
EUR 10	29232	3718	3637	3795	4231	2710	2715	2691			-33 %
BG			1078	1065	1142	773	734	656			-35 %
RO			2332	2323	2278	1558	1530	1490			-34 %
EUR 2			3410	3388	3420	2331	2264	2146			-34 %
HR				725	713	435	393	372			-44 %

Il-kompetizzjoni ta' Marzu 2010 kienet affettwata minn ċirkostanzi speċjali u saret biss fil-2013. Għaldaqstant, ma ġietx meqjusa għall-finijiet ta' tqabbil.

Anness 3: Għadd ta' parteċipanti fil-kompetizzjonijiet miftuħa tal-ġeneralisti fil-livell ta' amministratur (skont il-cluster)



II-Kroazja



Anness 4: Applikazzjonijiet għal kompetizzjonijiet tal-UE skont in-nazzjonalità

Kompetizzjoni mill-2013 sal-2019	Applikazzjonijiet (għadd)	Applikazzjonijiet għal kull miljun abitant	Applikazzjonijiet (sehem)	Popolazzjoni (sehem)	Rata ta' Gwida	Applikazzjonijiet vs Popolazzjoni	Applikazzjonijiet vs Rata ta' Gwida
EL	19847	1851	8,7 %	2,4 %	3,1 %	362 %	281 %
CY	1278	1459	0,6 %	0,2 %	0,8 %	286 %	72 %
BE	16314	1423	7,1 %	2,6 %	3,1 %	279 %	229 %
MT	676	1370	0,3 %	0,1 %	0,6 %	268 %	46 %
BG	8722	1246	3,8 %	1,6 %	2,4 %	244 %	158 %
LT	3235	1158	1,4 %	0,6 %	1,5 %	227 %	95 %
HR	4185	1027	1,8 %	0,9 %	1,6 %	201 %	116 %
EE	1304	984	0,6 %	0,3 %	0,8 %	193 %	71 %
RO	18236	940	8,0 %	4,3 %	4,5 %	184 %	177 %
SI	1927	926	0,8 %	0,5 %	1,0 %	181 %	88 %
LU	524	856	0,2 %	0,1 %	0,8 %	168 %	31 %
LV	1577	821	0,7 %	0,4 %	1,0 %	161 %	72 %
PT	8397	817	3,7 %	2,3 %	3,1 %	160 %	120 %
IT	47460	777	20,8 %	13,6 %	11,2 %	152 %	186 %
ES	29352	625	12,8 %	10,5 %	8,9 %	122 %	144 %
SK	2963	544	1,3 %	1,2 %	1,8 %	106 %	73 %
HU	4862	498	2,1 %	2,2 %	3,0 %	97 %	71 %
FI	2402	436	1,1 %	1,2 %	1,8 %	85 %	59 %
AT	3296	373	1,4 %	2,0 %	2,6 %	73 %	56 %
IE	1656	338	0,7 %	1,1 %	1,6 %	66 %	45 %
FR	17009	254	7,4 %	15,0 %	11,6 %	50 %	64 %
DK	1459	252	0,6 %	1,3 %	1,8 %	49 %	36 %
NL	4338	249	1,9 %	3,9 %	3,9 %	49 %	49 %
CZ	2539	241	1,1 %	2,4 %	3,1 %	47 %	36 %
PL	9025	238	3,9 %	8,5 %	8,2 %	47 %	48 %

SE	1880	184	0,8 %	2,3 %	2,7 %	36 %	30 %
DE	14057	169	6,2 %	18,5 %	13,8 %	33 %	45 %

Anness 5: Korrelazzjoni bejn l-attraenza tal-istituzzjonijiet tal-UE u fatturi makroekonomiċi u soċjoekonomiċi differenti inkluża r-remunerazzjoni

Il-koeffiċjent ta' korrelazzjoni huwa kejl ta' korrelazzjoni lineari bejn żewġ settijiet ta' *data*. Huwa l-proporzjon bejn il-kovarjanza ta' żewġ varjabbli u l-prodott tad-devjazzjonijiet standard tagħhom; għalhekk, huwa essenzjalment kejl normalizzat tal-kovarjanza, b'tali mod li r-riżultat dejjem ikollu valur bejn -1 u 1. Kwalunkwe ċifra bejn -0,7 u -1 jew bejn 0,7 u 1 titqies – fil-qafas ta' dan ir-rapport – li turi korrelazzjoni qawwija.

Fost l-Istati Membri inklużi fl-analiżi, xi wħud ġew esklużi, peress li l-inklużjoni tagħhom kienet tipperikola s-solidità statistika tal-korrelazzjonijiet għar-raġunijiet li ġejjin. Il-Belġju ġie eskluż minħabba li r-rappreżentanza żejda taċ-ċittadini Belġjani fost il-kandidati tal-EPSCO hija marbuta mal-istatus ta' Brussell bħala s-sede ta' diversi istituzzjonijiet tal-UE. Ċipru, il-Lussemburgu u Malta ġew esklużi peress li l-analiżi tas-sehem ta' kandidati fil-kompetizzjonijiet tal-UE meta mqabbla mal-popolazzjoni nazzjonali mhijiex statistikament soda, fid-dawl tad-daqs żgħir tal-popolazzjoni tagħhom. L-Ungerija, is-Slovakkja u l-Finlandja ġew esklużi peress li l-livell ta' parteċipazzjoni tagħhom (li jqabbel il-livell ta' parteċipazzjoni mal-perċentwal tal-popolazzjoni) huwa bejn 80 % u 120 % imkejjel fuq 7 snin u għaldaqstant huwa qrib il-mira.

Anness 5.1: Korrelazzjoni bejn il-qligħ nett u l-livell ta' parteċipazzjoni fil-kompetizzjonijiet tal-UE — il-bażi tad-*data* tal-Eurostat

Il-qligħ nett annwali fl-Istati Membri, jiġifieri l-“paga netta”, joriġina mill-bażi tad-*data* tal-Eurostat u jirrappreżenta l-qligħ gross li minnu jitnaqqsu t-taxxi fuq l-introjt u l-kontribuzzjonijiet soċjali u li miegħu jiżdiedu l-allowances tal-familja. L-analiżi tħares lejn il-qligħ nett annwali fl-2019 fl-Istati Membri. Il-qligħ nett huwa kkalkulat minn erba' sħarriġiet imwettqa kemm fis-settur privat kif ukoll f'dak pubbliku. Sabiex jitneħħa l-effett tad-differenzi fil-livelli tal-prezzijiet bejn l-Istati Membri, il-paritajiet tal-kapaċità tal-akkwist intużaw biex ikun hemm qligħ espress fl-istandards tal-kapaċità tal-akkwist, f'konformità mal-metodoloġija standard tal-Eurostat. Minħabba li l-Istituzzjonijiet Ewropej jistinkaw biex jattiraw kemm kandidati mhux miżżewġa kif ukoll kandidati bil-familja, ġew ikkunsidrati żewġ settijiet ta' *data* differenti li jirriflettu żewġ sitwazzjonijiet differenti. L-ewwel, persuna mhux miżżewġa u mingħajr tfal li taqla' 167 % ta' ħaddiem medju u t-tieni, kopja biż-żewġ persuni b'paga u b'żewġ itfal, it-tnejn jaqilgħu 100 % tal-qligħ ta' ħaddiem medju.

Stati Membri	BG	CZ	DK	DE	EE	IE	EL	ES	FR	HR	IT	LV	LT	NL	AT	PL	PT	RO	SI	SE
Sehem tal-kandidati vs sehem tal-popolazzjoni	244 %	47 %	49 %	33 %	193 %	66 %	362 %	122 %	50 %	201 %	152 %	161 %	227 %	49 %	73 %	47 %	160 %	184 %	181 %	36 %
Sottorappreżentat = -1	1	-1	-1	-1	1	-1	1	1	-1	1	1	1	1	-1	-1	-1	1	1	1	-1

Qligħ nett fl-2019 għal persuna mhux miżżewġa u mingħajr tfal li taqla' 167 % tal-qligħ medju (f'PPS). BG = 1	1	2,12	2,40	2,03	2,00	1,09	1,02	1,20	2,49	2,30	1,28	1,15	1,26	1,98
Korrelazzjoni	-0,96													
Qligħ nett fl-2019 għal kopja f'żewġt itfal, it-tnejn jaqilgħu 100 % tal-qligħ medju (f'PPS). BG = 1	1	2,43	2,80	2,44	2,29	1,29	1,12	1,32	2,99	2,79	1,46	1,18	1,44	2,41
Korrelazzjoni	-0,96													

Anness 5.3: Korrelazzjoni bejn il-livell ta' qgħad u l-livell ta' parteċipazzjoni fil-kompetizzjonijiet tal-UE — il-bażi tad-data tal-Eurostat

F'dan l-Anness, huwa vvalutat jekk is-sitwazzjoni ekonomika fl-Istati Membri tiddeterminax, sa ċertu punt, ir-rieda li taħdem f'pajjiż barrani u għall-Istituzzjonijiet Ewropej. Indikatur makroekonomiku li jista' jinfluwenza din l-għażla huwa r-rata tal-qgħad, ipprovduta wkoll mill-Eurostat. Sabiex jaqblu mad-demografija tal-kandidati tal-EPPO, huma biss il-persuna qiegħda li għandhom bejn il-25 u l-49 sena fit-tieni kwart tal-2019 li ġew inkorporati fl-analiżi.

Stati Membri	BG	CZ	DK	DE	EE	IE	EL	ES	FR	HR	IT	LV	LT	NL	AT	PL	PT	RO	SI	SE
Sehem tal-kandidati vs sehem tal-popolazzjoni	244 %	47 %	49 %	33 %	193 %	66 %	362 %	122 %	50 %	201 %	152 %	161 %	227 %	49 %	73 %	47 %	160 %	184 %	181 %	36 %
Sottorappreżentat = -1	1	-1	-1	-1	1	-1	1	1	-1	1	1	1	1	-1	-1	-1	1	1	1	-1
Rappreżentati żżejjed = 1																				
Livell ta' qgħad	4,3 %	1,8 %	4,8 %	3,2 %	4,0 %	4,2 %	17,6 %	12,7 %	7,5 %	6,9 %	10,5 %	6,1 %	6,0 %	2,5 %	4,5 %	2,9 %	5,3 %	3,2 %	3,9 %	5,3 %

Korrelazzjoni	0,43
----------------------	------

Anness 5.4: Korrelazzjoni bejn il-perċezzjoni tas-sitwazzjoni nazzjonali tal-impjegi u l-livell ta' parteċipazzjoni fil-kompetizzjonijiet tal-UE - l-Ewrobarometru 2019

Fost aktar minn 200 mistoqsija fl-Ewrobarometru³⁷, waħda tirrigwarda l-ġudizzju li ċ-ċittadini għandhom dwar is-sitwazzjoni tal-impjegi f'pajjiżhom.

Stati Membri	BG	CZ	DK	DE	EE	IE	EL	ES	FR	HR	IT	LV	LT	NL	AT	PL	PT	RO	SI	SE
Sehem tal-kandidati vs sehem tal-popolazzjoni	244 %	47 %	49 %	33 %	193 %	66 %	362 %	122 %	50 %	201 %	152 %	161 %	227 %	49 %	73 %	47 %	160 %	184 %	181 %	36 %
Sottorappreżentat = -1 Rappreżentati żżejjed = 1	1	-1	-1	-1	1	-1	1	1	-1	1	1	1	1	-1	-1	-1	1	1	1	-1
Perċentwal tal-popolazzjoni li taħseb li s-sitwazzjoni tal-impjegi f'pajjiżhom hija tajba	28 %	80 %	90 %	73 %	60 %	65 %	7 %	13 %	22 %	24 %	14 %	37 %	45 %	85 %	66 %	65 %	38 %	38 %	45 %	65 %
Korrelazzjoni	-0,73																			

³⁷ L-Ewrobarometru huwa sett ta' sħarriġiet li jintużaw mill-Istituzzjonijiet tal-UE biex jimmonitorjaw l-opinjoni pubblika dwar diversi suġġetti. Fil-kuntest ta' dan l-istudju, id-*data* tirriżulta mill-Ewrobarometru standard 92 li sar fl-Istati Membri tal-UE fi tmiem l-2019.

Sehem tal-kandidati vs sehem tal-popolazzjoni	244 %	47 %	49 %	33 %	193 %	66 %	362 %	122 %	50 %	201 %	152 %	161 %	227 %	49 %	73 %	47 %	160 %	184 %	181 %	36 %
Sottorappreżentat = -1 Rappreżentati żżejjed = 1	1	-1	-1	-1	1	-1	1	1	-1	1	1	1	1	-1	-1	-1	1	1	1	-1
Perċentwal tal-popolazzjoni li taħseb li s-sitwazzjoni finanzjarja tagħha se titjieb fit-12-il xahar li ġejjin	26 %	24 %	21 %	17 %	31 %	18 %	23 %	20 %	24 %	29 %	23 %	31 %	25 %	15 %	16 %	23 %	27 %	31 %	20 %	27 %
Korrelazzjoni	-0,56																			

Anness 5.7: Korrelazzjoni bejn l-indiċi ta' ħajja aħjar tal-OECD u l-livell ta' parteċipazzjoni fil-kompetizzjonijiet tal-UE - l-OECD

L-“Indiċi ta' Ħajja Aħjar” tal-OECD huwa sett ta' statistika li għandu l-għan li jqabbel il-benesseri fost il-pajjiżi. Il-benesseri jinkludi kundizzjonijiet tal-għajxien materjali, kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni, impjegi, edukazzjoni, eċċ. Għall-finijiet ta' komparabilità, l-indikatur magħżul fil-kuntest tal-istudju huwa s-sodisfazzjon ġenerali tal-ħajja.

Stati Membri	BG	CZ	DK	DE	EE	IE	EL	ES	FR	HR	IT	LV	LT	NL	AT	PL	PT	RO	SI	SE
Sehem tal-kandidati vs sehem tal-popolazzjoni	244 %	47 %	49 %	33 %	193 %	66 %	362 %	122 %	50 %	201 %	152 %	161 %	227 %	49 %	73 %	47 %	160 %	184 %	181 %	36 %
Sottorappreżentat = -1 Rappreżentati żżejjed = 1	1	-1	-1	-1	1	-1	1	1	-1	1	1	1	1	-1	-1	-1	1	1	1	-1
Indiċi ta' Ħajja Aħjar tal-OECD		6,7	7,6	7,0	5,7	7,0	5,4	6,3	6,5		6,0	5,9	5,9	7,4	7,1	6,1	5,4		5,9	7,3
Korrelazzjoni	-0,84																			

Anness 6: Evoluzzjoni tal-kampjun tal-Istati Membri u l-fattur ta' ponderazzjoni rispettiv tagħhom (2014 = 100)

	BE	DE	ES	FR	IT	LU	NL	AT	PL	SE	UK	UE 11
2014	2,6	19,6	8,2	14,1	11,8	0,3	4,5	2,2	5,0	2,4	13,8	84,5
2015	2,6	19,9	8,2	13,9	11,5	0,3	4,3	2,2	5,1	2,4	14,0	84,4
2016	2,6	19,7	8,2	13,8	11,3	0,3	4,3	2,2	5,2	2,4	14,0	84,0
2017	2,6	19,9	8,3	13,7	11,5	0,3	4,2	2,2	5,1	2,4	13,8	84,0
2018	2,6	19,9	8,3	13,5	11,4	0,3	4,3	2,2	5,2	2,4	13,7	83,8
2019	2,6	19,8	8,2	13,5	11,3	0,3	4,3	2,2	5,3	2,4	13,6	83,5
2020	2,6	19,4	8,2	13,8	11,1	0,3	4,3	2,2	5,4	2,4	13,5	83,2
2021	3,0	22,5	9,1	15,7	12,4	0,4	5,2	2,5	6,5	2,8		80,1


Anness 7: Indikaturi speċifiċi annwali tal-Istati Membri mill-kampjun (2014 = 100)

	[1] BE	[2] DE	[3] ES	[4] FR	[5] IT	[6] LU	[7] NL	[8] AT	[9] PL	[10] SE	[11] UK
2015	99,6	102,9	101,2	100,3	100,4	101,2	100,7	100,7	101,7	101,9	100,5
2016	101,2	100,8	105,9	100,1	100,2	99,2	106,2	104,3	107,7	102,9	100,6
2017	100,5	102,2	99,3	101,5	99,5	102,3	97,5	99,1	101,7	98,6	98,8
2018	99,2	100,7	96,8	97,6	102,4	98,6	101,3	99,6	99,2	100,6	98,7
2019	102,1	101,3	102,3	99,1	99,5	101,5	100,8	100,9	98,5	102,2	100,6
2020	101,6	101,5	102,5	100,1	104,3	102,2	102,3	105,7	107,2	101,2	103,2
2021	97,7	100,1	99,5	99,2	98,7	96,7	100,2	99,1	103,8	100,0	:
medja sempliċi	100,3	101,4	101,1	99,7	100,7	100,2	101,3	101,3	102,8	101,1	100,4

Anness 8: Indikaturi speċifiċi annwali kumulattivi tal-Istati Membri mill-kampjun (2014 = 100)

	[1] BE	[2] DE	[3] ES	[4] FR	[5] IT	[6] LU	[7] NL	[8] AT	[9] PL	[10] SE	[11] UK
2015	99,6	102,9	101,2	100,3	100,4	101,2	100,7	100,7	101,7	101,9	100,5
2016	100,8	103,7	107,2	100,4	100,6	100,4	106,9	105,0	109,5	104,9	101,1
2017	101,3	106,0	106,4	101,9	100,1	102,7	104,2	104,1	111,4	103,4	99,9
2018	100,5	106,7	103,0	99,5	102,5	101,3	105,6	103,7	110,5	104,0	98,6
2019	102,6	108,1	105,4	98,6	102,0	102,8	106,4	104,6	108,8	106,3	99,2
2020	104,2	109,7	108,0	98,7	106,4	105,1	108,8	110,6	116,6	107,6	102,4
2021	101,8	109,8	107,5	97,9	105,0	101,6	109,0	109,6	121,0	107,6	:


Anness 9: Indikatur Speċifiku Globali kkalkulat u applikat



Anness 10: Indikatur Speċifiku Globali, Indiċi Konġunt u aġġornament annwali (2014 = 100)

	GSI	Kumulattiv 2014 = 100	Indiċi Konġunt	Kumulattiv 2014 = 100	Aġġornament annwali	Kumulattiv 2014 = 100
2015	101,2	101,2	101,2	101,2	102,4	102,4
2016	101,9	103,1	101,4	102,6	103,3	105,8
2017	100,4	103,5	101,1	103,7	101,5	107,4
2018	99,6	103,1	102,1	105,9	101,7	109,2
2019	100,5	103,6	101,5	107,5	102,0	111,4
2020	102,5	103,6	100,7	108,3	100,7	112,2
2021	99,8	103,4	102,1	110,6	101,9	114,3

Anness 11: Tqabbil tal-GSI alternattiv ikkalkulat abbażi ta' kampjuni differenti




Anness 12: Indikaturi speċifiċi annwali tal-Istati Membri kollha (2014 = 100)

	[1]	[2]	[3]	[4]	[5]	[6]	[7]	[8]	[9]	[10]	[11]	[12]	[13]	[14]	[15]	[16]	[17]	[18]	[19]	[20]	[21]	[22]	[23]	[24]	[25]	[26]	[27]	[28]
	BE	BG	CZ	DK	DE	EE	IE	EL	ES	FR	HR	IT	CY	LV	LT	LU	HU	MT	NL	AT	PL	PT	RO	SI	SK	FI	SE	UK
2015	99,6	101,8	101,2	99,7	102,9	105,4	100,9	101,1	101,2	100,3	99,9	100,4	102,1	108,8	102,4	101,2	100,6	101,1	100,7	100,7	101,7	96,7	104,7	100,8	101,0	100,0	101,9	100,5
2016	101,2	105,9	134,9	100,7	100,8	113,3	103,6	100,0	105,9	100,1	102,3	100,2	102,0	106,3	102,7	99,2	101,9	101,8	106,2	104,3	107,7	101,9	111,9	101,9	108,5	100,3	102,9	100,6
2017	100,5	102,5	106,9	101,0	102,2	98,7	103,7	99,1	99,3	101,5	102,4	99,5	100,3	95,0	99,3	102,3	109,1	101,1	97,5	99,1	101,7	101,0	111,0	100,5	109,2	99,1	98,6	98,8
2018	99,2	117,3	110,7	102,0	100,7	100,5	102,7	98,9	96,8	97,6	108,7	102,4	100,0	103,7	100,2	98,6	100,5	102,2	101,3	99,6	99,2	99,2	109,2	98,6	113,5	99,9	100,6	98,7
2019	102,1	104,3	97,9	100,5	101,3	108,5	99,9	100,1	102,3	99,1	102,5	99,5	101,2	100,7	113,6	101,5	97,4	100,9	100,8	100,9	98,5	99,8	108,3	102,0	112,3	102,7	102,2	100,6
2020	101,6	104,7	99,5	101,7	101,5	102,1	102,2	102,9	102,5	100,1	104,7	104,3	103,2	104,1	107,3	102,2	102,1	102,0	102,3	105,7	107,2	100,2	98,1	105,4	115,0	101,1	101,2	103,2
2021	97,7	110,4	106,2	99,6	100,1	112,5	100,3	99,4	99,5	99,2	102,3	98,7	99,3	100,8	100,7	96,7	101,7	105,0	100,2	99,1	103,8	101,2	98,1	98,9	106,2	100,6	100,0	:


Anness 13: Indikaturi speċifiċi annwali kumulattivi tal-Istati Membri kollha (2014 = 100)

	[1]	[2]	[3]	[4]	[5]	[6]	[7]	[8]	[9]	[10]	[11]	[12]	[13]	[14]	[15]	[16]	[17]	[18]	[19]	[20]	[21]	[22]	[23]	[24]	[25]	[26]	[27]	[28]
	BE	BG	CZ	DK	DE	EE	IE	EL	ES	FR	HR	IT	CY	LV	LT	LU	HU	MT	NL	AT	PL	PT	RO	SI	SK	FI	SE	UK
2015	99,6	101,8	101,2	99,7	102,9	105,4	100,9	101,1	101,2	100,3	99,9	100,4	102,1	108,8	102,4	101,2	100,6	101,1	100,7	100,7	101,7	96,7	104,7	100,8	101,0	100,0	101,9	100,5
2016	100,8	107,8	136,5	100,4	103,7	119,4	104,5	101,1	107,2	100,4	102,2	100,6	104,1	115,7	105,2	100,4	102,5	102,9	106,9	105,0	109,5	98,5	117,2	102,7	109,6	100,3	104,9	101,1
2017	101,3	110,5	145,9	101,4	106,0	117,8	108,4	100,2	106,4	101,9	104,7	100,1	104,4	109,9	104,5	102,7	111,8	104,0	104,2	104,1	111,4	99,5	130,1	103,2	119,7	99,4	103,4	99,9
2018	100,5	129,6	161,5	103,4	106,7	118,4	111,3	99,1	103,0	99,5	113,8	102,5	104,4	114,0	104,7	101,3	112,4	106,3	105,6	103,7	110,5	98,7	142,1	101,8	135,9	99,3	104,0	98,6
2019	102,6	135,2	158,1	103,9	108,1	128,5	111,2	99,2	105,4	98,6	116,6	102,0	105,7	114,8	118,9	102,8	109,5	107,3	106,4	104,6	108,8	98,5	153,9	103,8	152,6	102,0	106,3	99,2
2020	104,2	141,6	157,3	105,7	109,7	131,2	113,6	102,1	108,0	98,7	122,1	106,4	109,1	119,5	127,6	105,1	111,8	109,4	108,8	110,6	116,6	98,7	151,0	109,4	175,5	103,1	107,6	102,4
2021	101,8	156,3	167,1	105,3	109,8	147,6	113,9	101,5	107,5	97,9	124,9	105,0	108,3	120,5	128,5	101,6	113,7	114,9	109,0	109,6	121,0	99,9	148,1	108,2	186,4	103,7	107,6	:


Anness 14: Indikaturi speċifiċi kumulattivi speċifiċi tal-Istati Membri mill-kampjun u li l-parteċipazzjoni tagħhom fil-kompetizzjoni tal-UE hija baxxa



Anness 15: Rikavati mill-imposta ta' solidarjetà bejn l-2012 u l-2022



Anness 16: Indiċi konġunt bejn il-Belġju u l-Lussemburgu, HICP Belġjan u CPI tal-Lussemburgu



Anness 17: Evoluzzjoni tal-għoli tal-ħajja fi Brussell (l-Indiċi Internazzjonali ta' Brussell)

Sena	Kejl għaż-żieda fl- għoli tal-ħajja fi Brussell*. Ġunju t	
	Ġunju t-1 = 100	Kumulattiv Ġunju 2014 = 100
2015	101,2	101,2
2016	101,4	102,6
2017	101,1	103,7
2018	102,1	105,9
2019	101,5	107,5
2020	100,7	108,3
2021	102,1	110,5

Anness 18: Evoluzzjoni tal-koeffiċjenti ta' korrezzjoni

GEO/TIME	2012	2013	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	2021
BE/LU	100,0	100,0	100,0	100,0	100,0	100,0	100	100,0	100,0	100,0
BG	58,4	57,5	55,1	52,1	51,1	53,4	55,2	57,5	59,1	61,7
CZ	80,6	80,0	75,0	73,4	73,2	78,3	83	85,5	85,2	88,1
DK	135,3	134,8	133,0	131,8	133,1	133,9	131,9	129,3	131,3	134,2
DE	95,8	96,8	97,2	96,6	96,1	97,5	99,3	99,4	101,9	101,4
Karlsruhe	93,8	92,8	95,0	93,8	93,0	94,6	96,7	96,5	98,0	96,9
München	106,4	108,2	107,7	106,0	105,5	107,5	110	110,3	113,9	113,4
Bonn	94,1	94,9	94,6	93,4	92,6	93,9	95,6	95,1	95,8	
EE	77,6	78,9	78,6	78,0	77,6	80,3	82,2	83,3	82,3	86,3
IE	110,6	113,0	115,9	116,6	118,3	119,8	117,7	119,2	129,0	133,6
EL	90,5	91,2	86,8	79,9	79,3	79,9	81,8	81,8	81,4	85,2
ES	97,1	96,3	94,5	90,2	88,1	88,7	91,7	91,6	94,2	96,3
FR	117,7	117,4	116,8	114,6	113,8	114,8	116,7	117,7	120,5	119,9
HR	:	80,0	77,6	74,6	73,5	74,9	76,4	75,9	75,8	78,3
IT	104,2	104,4	100,4	99,4	97,9	97,3	96,5	95,2	95,0	95,2
Varese	93,4	92,8	93,1	92,2	90,4	90,9	90,9	90,0	90,7	91,2
CY	84,1	83,7	81,2	77,3	74,3	74,4	77,9	78,9	78,2	82,2
LV	77,6	76,1	76,5	74,2	73,0	74,9	77,6	78,6	77,5	80,0
LT	71,5	71,9	71,4	69,0	69,7	74,3	73,6	75,1	76,6	80,1
HU	78,3	76,1	71,4	69,0	70,0	74,5	71,9	75,3	71,9	76,1
MT	83,3	84,4	83,4	84,5	85,7	86,5	90,2	92,0	94,7	94,0
NL	105,3	108,9	107,8	107,8	108,0	108,3	109,9	111,5	113,9	111,4
AT	106,4	108,3	107,2	105,9	104,7	106,3	106,3	106,0	107,9	109,6
PL	74,2	73,0	74,1	71,8	66,7	70,6	68,6	71,1	70,9	70,6
PT	83,5	83,1	82,2	79,2	80,6	82,4	85,7	88,6	91,1	91,4
RO	68,8	69,8	69,5	64,8	63,8	63,9	64	65,3	66,6	68,5
SI	85,3	85,4	84,7	81,2	80,7	81,5	84,6	84,6	86,1	84,9
SK	79,7	80,2	79,0	76,4	75,7	77,3	78,5	79,0	80,6	79,9
FI	122,1	123,7	123,0	119,7	118,6	119,9	118,5	118,1	118,4	118,6
SE	131,9	132,9	127,5	127,9	127,4	127,9	122	120,5	124,3	130,3
UK	147,8	139,2	150,7	166,9	141,8	133,5	134,7	132,9		
Culham	112,5	107,6	116,7	127,7	107,3	100,5	102,6	102,0		

Anness 19: Effetti ta' ħidma esploratorja barra miż-żona mill-ESTAT

	Koeffiċjent attwali ta' korrezzjoni Lulju 2021	Koeffiċjent stmat ta' korrezzjoni inkluż infiq barra miż-żona	Bidla
BE	100	100	0,0 %
BG	61,7	64,8	5,0 %
CZ	88,1	89,4	1,5 %
DK	134,2	129,8	-3,3 %
DE	101,4	100,9	-0,5 %
DE Karlsruhe	96,9	96,8	-0,1 %
DE Munich	113,4	111,6	-1,6 %
EE	86,3	87,7	1,6 %
IE	133,6	128,7	-3,7 %
EL	85,2	86,2	1,2 %
ES	96,3	96,4	0,1 %
FR	119,9	117,2	-2,3 %
HR	78,3	80,3	2,6 %
IT	95,2	95,3	0,1 %
IT Varese	91,2	91,8	0,7 %
CY	82,2	83,7	1,8 %
LV	80,0	82,1	2,6 %
LT	80,1	81,8	2,1 %
HU	76,1	78,6	3,3 %
MT	94,0	94,5	0,5 %
NL	111,4	109,6	-1,6 %
AT	109,6	107,3	-2,1 %
PL	70,6	73,7	4,4 %
PT	91,4	91,9	0,5 %
RO	68,5	71,2	3,9 %
SI	84,9	86,1	1,4 %
SK	79,9	81,6	2,1 %
FI	118,6	115,7	-2,4 %
SE	130,3	126,4	-3,0 %